MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Numru 687/2014

Il-Pulizija

Spettur Anna Marie Xuereb

vs

Doris Agius

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' 701359m akkuzata talli;

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta'aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn

elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Mary Stella k/a Maris Gauci ;

2. bi hsara ta' haddiehor u cioe ta' Mary Stella k/a Maris Gauci ghamilt qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess zmien u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utili, u aktar talli xjentament ghamilt uzu minnha;

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghat lill-imputata tirregistra ammissjoni fuq liema insistiet anke wara li l-Qorti taghta zmien tirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Fuq din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat dwar falsifikazzjoni ta'dokument biex tikseb servizz tal-Melita, tiddikjarha u ssibha hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha;

Rat l-Artikolu 187(1)(2), 308, 309, 310(1)(b), u 17 tal-Kap 9.

Billi jirrizulta ukoll, li l-hlas ghas-servizz sar hlief ghall-pagament wiehed, tiddeciedi relattivament il-piena, li tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor zmien sena mill-lum. Tastjeni li taghti ebda provvediment taht l-Artikolu 533 tal-Kap 9, stante li tqis li ma kienx hemm lok ghal inkjesta.

Il-Qorti spjegat lill-imputata ir-responsabilitajiet taghha skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------